

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (l-Olanda) fit-3 ta' Ottubru 2012 — Jan Sneller vs DAS Nederlandse Rechtsbijstand Verzekeringsmaatschappij NV

(Kawża C-442/12)

(2013/C 9/49)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Jan Sneller.

Konvenuta: DAS Nederlandse Rechtsbijstand Verzekeringsmaatschappij NV.

Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 87/344/KE⁽¹⁾ jawtorizza lil assiguratatur ta' spejjeż legali, li fil-polzi tiegħu jipprovdi li l-assistenza legali fil-proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi tkun bħala prinċipju pprovduta mill-ħaddiema tal-assiguratatur, jipprovdi wkoll li l-ispejjeż ta' assistenza legali pprovduta minn avukat jew minn rappreżentant legali magħżula liberament mill-persuna assigurata jkun koperti biss jekk l-assiguratatur iqis li t-trattament tal-kawża għandu jiġi ddelegat lil rappreżentant legali estern?
- (2) Ir-risposta għall-ewwel domanda tkun differenti skont jekk l-assistenza legali hija jew ma hijiex obligatorja fil-proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi inkwistjoni?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1987, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 187).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Hamburg (il-Ġermanja) fil-11 ta' Ottubru 2012 — Werner Krieger vs ERGO Lebensversicherung AG

(Kawża C-459/12)

(2013/C 9/50)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Werner Krieger

Konvenuta: ERGO Lebensversicherung AG

Domanda preliminari

L-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE, tat-8 ta' Novembru 1990, li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw l-assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja, li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet intiżi li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li temenda d-Direttiva 79/267/KEE (it-Tieni Direttiva dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja)⁽¹⁾, ikkunsidrata fid-dawl tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE, tal-10 ta' Novembru 1992, li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw l-assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja, u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE (it-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja)⁽²⁾, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni, bħal dik li tinsab fir-raba' sentenza tal-Artikolu 5a(2) tal-Liġi Ġermaniża dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mit-Tielet Liġi ta' traspożizzjoni ta' direttivi tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tal-liġi tal-assigurazzjoni, tal-21 ta' Lulju 1994 (it-Tielet Liġi ta' traspożizzjoni fid-dritt Ġermaniż dwar il-kontroll tal-impreżi ta' assigurazzjoni — VAG), li tirrikonoxxi lit-titolari ta' polza dritt ta' rtirar jew ta' oppożizzjoni għal mhux iktar minn sena b'effett mill-ħlas tal-ewwel premium tal-assigurazzjoni u dan anki meta dan tal-aħħar ma jkunx ġie informat dwar id-dritt ta' rtirar jew ta' oppożizzjoni tiegħu?

⁽¹⁾ ĠU L 330, p. 50.

⁽²⁾ ĠU L 360, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof de 's-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-15 ta' Ottubru 2012 — Granton Advertising BV vs Inspecteur van de Belastingdienst Haaglanden (kantoor Den Haag)

(Kawża C-461/12)

(2013/C 9/51)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Gerechtshof de 's-Hertogenbosch

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Granton Advertising BV

Konvenut: Inspecteur van de Belastingdienst Haaglanden/kantoor Den Haag